MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1427/1993/1

**Anthony Ventura ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta;**
**U b’ nota tat-23 ta’ Marzu 1995 Joseph Attard assuma l-atti tal-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta.**

**Vs**

**John Vella**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fit-22 t’ Ottubru 1993 li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenut fit-18 ta’ Marzu 1992 waqt li kien qed jaghmel xi xoghlijiet f’ Taz-Zokrija, il-Mosta laqghat u ghamel hsara f’ *low tension feeder* proprjeta` ta’ l-attur

*nomine*, liema hsarat graw unikament minhabba imperizja u traskuragini da parte ta’ l-istess konvenut;

Premess illi permezz ta’ dikjarazzjoni datata 19 ta’ Marzu 1992 (Dok. A) il-konvenut iddikjara li lest li jaghmel tajjeb ghall-hsara fuq imsemmija;

Premess illi d-danni sofferti mill-Korporazzjoni attrici bhala rizultat ta’ l-incident fuq imsemmi jammontaw ghal tmien mija u hamsa u tmenin lira u hamsa u sebghin centezmu u millezimu (Lm885.75,1);

Premess illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas din is-somma izda baqa’ inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-hsarat sofferti mill-attur *nomine* fit-18 ta’ Marzu 1992 f’ *low tension feeder* proprjeta` ta’ l-attur *nomine*, li jinsab Taz-Zokrija, il-Mosta, liema hsarat graw unikament minhabba imperizja u traskuragini da parte tal-konvenut u ghal liema hsarat l-istess konvenut gja assuma r-responsabilita`;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur *nomine* s-somma ta’ tmien mija u hamsa u tmenin lira u hamsa u sebghin centezmu u millezimu (Lm885.75,1) in linea ta’ danni sofferti mill-attur *nomine* bhala konsegwenza tal-hsarat kawzati fl-imsemmi *low tension feeder*;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali ta’ l-14 ta’ Lulju 1993 u bl-interessi mid-data ta’ l-istess ittra ufficcjali;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenutipprezentata fl-20 ta’ Jannar 1994, li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li fl-ewwel lok il-konvenut ma ghandu ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi stante li personalment ma kien qed jaghmel ebda xoghol fit-18 ta' Marzu 1992 f' Taz-Zokkrija, il-Mosta illi fil-fatt tali xoghol sar minn impjegati tas-Socjeta` John Vella & Sons Ltd kif l-atturi kienu gja nfurmati b' ittra datata 2 ta' Settembru 1993 kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi di piu` u bla pregudizzju ghal premess l-istess socjeta` lanqas hija responsabbli ghad-danni rikjamati mill-attur u t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghhom stante tali xoghol sar skond is-sengha u l-arti f' *enclosed area* fejn ma hux suppost u qatt ma gie indikat li kien hemm *cables* jew *feeders*. Tali xoghol sar bil-permessi kollha tal-P.A.P.B. u f' *enclosed area* lanqas biss jinghataw permessi mill-Awtoritajiet;

3. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan bla pregudizzju ghal premess u dan peress li d-dikjarazzjoni datata 19 ta' Marzu 1992 apparti li *ex lege* ma ghandha ebda import dwar ir-responsabilita` o meno tali incident l-istess dikjarazzjoni hija manifestament adebita b' vizju ta' kull sens u dan peress li tali dikjarazzjoni giet iffirmata bl-intiza li jigi dikjarat biss li ntlaqat il-*cable* waqt li kienu qed isiru x-xoghlijiet premessi u sabiex ma jittiehdux passi kriminali, (dan dejjem kif gie spjegat) lill-konvenut fl-istess data. Invece mid-dikjarazzjoni u d-dicitura taghha dan jidher li huwa kompletament differenti minn dak premess u ghal-liema kitba John Vella qatt ma ta l-kunsens tieghu, anzi dejjem sostna dak fuq indikat;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tad-9 ta’ Jannar 2004 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma’ l-kontro-ezamijiet li kien fadal;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Il-kawza prezenti hi wahda tendenti ghat-tfittxija ta’ responsabilita` u ghar-rizarciment tad-danni, derivanti, skond l-attur *nomine*, minn att jew ommissjoni kolpuza tal-konvenut;

Kif maghruf, hi norma tal-ligi stabbilita bl-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili, li “kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu”. Din in-norma certament tikkostitwixxi l-kardini tar-responsabilita` extra-kontrattwali jew akwiljana u tenuncja l-principju in virtu ta’ liema l-lezjoni kagjonata tobbliga lill-awtur taghha biex jirrizarcixxi d-danni;

Huwa, imbaghad, pacifiku wkoll illi, fl-assenza ta’ definizzjoni tal-“kolpa” fil-Kodici Civili, din necessarjament tirriferixxi ghal dak l-event li jsehh b' kawza ta' nuqqas ta' diligenza, imprudenza, u nuqqas tal-hsieb tal-*bonus paterfamilias* [Artikolu 1032(1), Kodici Civili]. “Hu pero`, imprexxindibilment, mehtieg, biex ikun hemm lok ghad-danni li jkun hemm ness ta' kawzalita` bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza”. (**Kollez. Vol. XLIV P I p 343**);

Dan premess, mill-fatti tal-kawza ma jidherx li hu kontestat li dannu kien hemm u li dan sehh ghad-detriment ta’ l-attur *nomine* meta ntlaqat *low tension feeder* tal-Korporazzjoni Enemalta waqt xoghlijiet ta' skavar gewwa l-Mosta. Dak li invece huwa sew kontrastat jirrigwarda l-kolpa li l-attur

*nomine* jaddebita lill-konvenut u li dan minn naha tieghu, ghal dan l-istess assunt sostnut mill-attur *nomine*, jopponi li x-xoghlijiet saru skond l-arti u s-sengha u gewwa "*enclosed area*" tal-privat fejn ma kienx indikat li kien hemm *cables* jew *feeders*. Hi proprju l-ezistenza, o meno, ta' din il-htija li jokkorri tigi ndagata u stabbilita;

Opportunement, ghandu qabel xejn jigi mfakkar illi biex ikun hemm lok ghar-responsabilita` tad-danni hemm bzonn li min jitlobhom jipprova l-att jew l-ommissjoni kolpuza. Fi kliem is-sentenza a **Vol. XXIV P I p 893** min jallega li sofra dannu bi htija ta' xi hadd "*e` nell' obbligo di provare un fatto od una omissione che porti insito la prova della colpa che egli imputa al convenuto medesimo perche la colpa deve assumere una forma materiale e specifica quando viene imputata ad altri come causa di danni*". Dan anke ghaliex hi wkoll ligi espressa li kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss ma jwegibx ghall-hsara li tigri b' dan l-uzu (Artikolu 1030, Kodici Civili);

Issa apparti mill-kwestjoni jekk kellux jitharrek il-konvenut personalment jew, invece, is-socjeta` tieghu John Vella & Sons Limited, ir-rizultanzi processwali jipprovdu dan il-kwadru:-

i. Skond Paul Galea, Senior Technical Officer tal-Korporazzjoni attrici, fit-18 ta' Marzu 1992 l-ufficcju tieghu fil-Mosta gie infurmat li kien hemm qtugh ta' dawl. Mill-ispezzjoni kondotta minnu nstab li kien intlaqat *underground cable* li jipprovdi l-kurrent elettriku lill-konsumaturi;

ii. Fl-Affidavit tieghu (fol. 93) il-konvenut jaccetta li dan il-*cable* intlaqat bil-*hymac* meta kienu qed isiru xoghlijiet mis-socjeta` tieghu pero` jikkontendi li l-*cable* kien jinsab f' zona privata, 'il gewwa mill-parapett (fol. 107), u ma kien hemm xejn x' jindika dan qabel ma ntraprenda l-iskavar;

iii. Minn naha tieghu x-xhud imsemmi Paul Galea ghall-ewwel jiddikjara li hu ma jistax jghid jekk il-*cable* kienx ghaddej minn proprjeta` privata (fol. 38), pero` aktar tard jistqarr li skond il-kalkoli tieghu l-*cable* kien barra mil-linja tal-bini (fol. 42) u dan, skond hu, kif ahjar indikat mill-pjanta tal-Korporazzjoni (fol. 43). Pjanta din li, incidentalment, qatt ma giet esebita;

iv. Irid jinghad, dejjem skond dan ix-xhud, illi *ex post facto* l-incident il-*cable* gie devjat minn band' ohra (fol. 48) biex ikun hemm sikurezza ahjar (fol. 49). Mistoqsi meta sar il-*cable* u r-*re-routing* tieghu dan ix-xhud ma kienx f' qaghda li jwiegeb, anke ghaliex din il-materja kienet taqa' fil-mansjoni ta' sezzjoni ohra fi hdan il-Korporazzjoni;

v. Dejjem skond l-istess Paul Galea il-procedura relattiva qabel ma jsiru xoghlijiet ta' skavar hi dak li timtela formula biex il-Korporazzjoni tigi nformata b' dawn ix-xoghlijiet, isir ic-*checking* mehtieg mal-pjanta, u jintbaghat bniedem *on site* biex jaghmel sorveljar tax-xoghol li jkun qed jigi ezegwit;

vi. Invece, skond il-konvenut, dan ighid in kontro-ezami li ma kellux bzonn permess bhal dak minghand il-Korporazzjoni ghax ix-xoghol kien mahsub li jsir f' sit privat u ghal dan kull ma kien mehtieg kien il-permess tal-bini li hu kien ottjena;

Oltre dawn il-fatti ma jidher li hemm xejn verament utli x' jizdied ma' l-esposizzjoni taghhom fuq riportata, hlief forsi ghall-fatt incidentali tad-dikjarazzjoni a fol. 5 tal-process fejn fiha l-konvenut accetta, taht il-firma tieghu, li jaghmel tajjeb ghall-hsarat. Dikjarazzjoni din li, skond PS John Grech, giet liberament sottoskritta mill-konvenut wara li l-kontenut gie spjegat lilu (fol. 66). Dwarha l-konvenut jistqarr li hu minghalih kien qed jiffirma ghal fatt li ntlaqat il-*cable* u mhux ukoll li kien obbliga ruhu li jaghmel tajjeb ghad-danni (fol. 109);

Mill-premessi fatti li din il-Qorti ezaminat akkuratament hi l-fehma taghha li ma gietx konvincentement stabbilita mill-attur *nomine* l-kolpa li hu jaddossa fuq il-konvenut ghad-danni subiti. Fir-rigward il-Qorti taghmel dawn ir-riflessjonijiet:-

I. Ma giex konkludentement pruvat minghajr ombra ta' dubbju illi effettivament ix-xoghlijiet ta' skavar saru 'l barra mil-linja tal-bini. Il-pjanta li kienet promessa li kellha tigi prodotta baqghet ma gietx hemm esebita. In vista tal-konflittwalita` certa fil-versjonijiet, kien jinkombi fuq l-attur *nomine* li jaghti sustanza aktar rafforzanti lill-allegazzjoni tieghu li l-*cable feeder* milqut kien tassew, kif ritenut mix-xhud Paul Galea, fuq il-bankina, "il barra mill-front garden" (fol. 46);

II. Hekk ukoll ma giex sodisfacentement provat illi fil-kaz ta' skavar f' postijiet privati r-regolamenti kienu jiddettaw li jrid ikollok l-awtorizzazzjoni preventiva ta' l-Enemalta qabel ma jsir xoghol bhal dan. Invece jidher li l-konvenut kien munit b' permess tal-bini kif hekk del resto kien jissanzjoni li jkollu l-Artikolu 30 ta' l-Att I ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp u l-ligijiet ta' qabel dan, qabel ma jibda xi zvilupp;

III. L-Artikolu 27 tal-Ligijiet tal-Pulizija, li fuqu stradat ruhha s-sentenza fl-ismijiet "**Anthony Ventura *nomine* -vs- Raymond Galea *et***", Appell, Sede Inferjuri, 31 ta' Lulju 1996, in kwantu annoverat taht it-Titolu "Fuq it-Toroq", hu ntiz biex jikkawtela lil min irid jibni jew jaghmel xoghol li jmiss mat-triq biex qabel ma jaghmel dan jaghti avviz lid-Direttur tax-Xoghlijiet (prezentement, l-Awtorita` dwar it-Transport). Dan ghall-iskop ovvju li x-xoghol intiz ma jkunx ta' ostakolu u tfixkil ghac-cirkolazzjoni tat-traffiku u ta' l-utenti. Minnu ma johrogx ukoll illi jrid jinghata avviz konsimili lill-Enemalta, u l-attur *nomine* mkien ma spjega minn liema regolament, jekk jezisti, kien johrog dan l-obbligu;

IV. Mill-fatti li ssuccedew wara l-incident, senjatament id-devjazzjoni tal-*cable*, il-Qorti ghandha

ghaliex tissuspetta u tahseb li verament dan il-*cable* kien, a priori ta’ l-incident, ghaddej mill-proprjeta` privata fejn kien qed isir l-iskavar. Jekk dan kien hekk il-kaz, kif din il-Qorti ragonevolment tipprezumi, ma kien hemm xejn x’ juri lill-konvenut li fil-fatt kien hemm *cable* taht l-art f’ dan is-sit privat. Sitwazzjoni din konsimili ghal dik ottenuta fil-kawza fl-ismijiet “**Chairman ta’ l-Enemalta -vs- Anthony Galea**”, Qorti Civili, Prim' Awla, per Imhallef Hugh Harding, 15 ta’ Dicembru 1983 u fejn dik il-Qorti rriteniet li meta hekk kien il-kaz l-attur ma rnexxielux jipprova xi negligenza da parti tal-konvenut ghall-fatt tal-hsara fil-*high tension cable* li wkoll kien jitraversa ghalqa privata;

V. Ghal din il-Qorti dan hu bil-wisq logiku ghaliex, konsiderati c-cirkostanzi kollha, ma jidhrilhiex illi l-konvenut, b’ ezercizzju ta’ diligenza ordinarja, seta’ qatt ippreveda li taht l-art fejn kien qed ihammel u jiskava fi plot privata kien ghaddej il-*cable*.

VI. In rijassunt, certament din il-Qorti mhix impressjonata b’ dak li semma’ x-xhud Paul Galea ghal dik li hi l-procedura solita fil-kaz ta’ skavar. Procedura li sa fejn jokkorri lill-Qorti hi hekk necessitata meta jkun jinvolvi xoghol ta’ skavar fit-toroq izda mhux ukoll fi proprjeta` privata in kwantu mhux mistenni li jkun jinsab ghaddej komunikazzjonijiet u *cables* jekk mhux ukoll bl-gharfien ta’ sid l-art. Fatt dan li ma jokkorrix f’ dan il-kaz kif hekk ukoll ma okkorrix li kien hemm indikazzjoni li turi l-ezistenza ta’ tali komunikazzjonijiet u *cable* taht l-art *de quo*, bhal ma, inversament, jidher li hekk kellu sid l-art fil-kawza citata “**Ventura -vs- Galea**” (31 ta’ Lulju 1996);

Gjaladarba din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi ghar-rigward tal-kolpa ma giex adegwatament provat mill-attur *nomine* illi kien hemm vjolazzjoni tad-dover, inosservanza tal-ligijiet u tar-regolamenti jew ommissjoni volontarja tad-diligenza da parte tal-konvenut mhux il-kaz li din il-Qorti tinoltra ruhha dwar aspetti ohra tal-vertenza. Dan anke ghaliex kif din il-Qorti tinterpreta d-dikjarazzjoni a fol. 5 din necessarjament u logikament ghandha tfisser illi l-konvenut personalment assuma l-oneru tal-hlas una volta pero` tigi preventivament determinata r-responsabilita`

civili tieghu ghad-danni. Dan biex ma jinghadx ukoll illi, kif drabi ohra espress, il-Qorti di solitu thares b' certa diffidenza fuq dikjarazzjonijiet jew ammissjonijiet ta' din ix-xorta, specjalment meta jsiru f' mument li wiehed qajla jifhem u jqis il-konsegwenzi taghhom. Ara in subjecta materja d-decizjoni fl-ismijiet "**Joseph Sammut -vs- Francis Falzon *et nomine***", Appell Civili, 14 ta' Marzu 1966.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi ghar-ragunijiet kollha suesposti tichad it-talbiet ta' l-attur *nomine*. L-ispejjez gudizzjarji jibqghu a karigu ta' l-istess attur *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------